MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 571/2005

**Awtorita Marittima ta' Malta u b'digriet tat-30 ta' mejju, 2005 giet ordnata korrezzjoni fis-sens li l-kelma "Awtorita" tinqara "Awtorita`"**

**vs**

**Anthony Bartolo, u b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2005, giet ordnata korrezzjoni fis-sens illi wara l-isem Anthony Bartolo jizdieda l-kliem "u Emanuel Bartolo bhala mandatarju ta' l-istess Anthony Bartolo."**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2005 fejn intalbet is-somma ta' elf tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm1344.89), rapprezentanti berthing fees dovuti mill-konvenut Anthony Bartolo lill-Awtorita` Marittima ta' malta rigward il-boat "Maljanka", hekk kif jidher mill-**

**istatement anness datat 31 t'Ottubru, 2004 (Dok.A). Minkejja li gie nterpellat ihallas, inkluz b'ittra legali tat-28 ta' Novembru, 2004 (Dok.B) il-konvenut baqa' nadempjenti.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-20 ta' Settembru, 2005, fejn intqal illi t-talba attricihija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez u dan stante li:**
**i. Fl-ewwel lok, ma hemm ebda persuna guridika bl-isem ta' Awtorita Marittima ta' Malta.**
**ii. Fit-tieni lok, fl-assenza (maghrufa) minn Malta tal-konvenut Anthony Bartolo, ibnu Emanuel ikollu semmaj jigi appuntat kuratur ta' missieru;**
**iii. Fit-tielet lok, hemm karenza ta' relazzjoni guridika (u dan minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni), u bil-mod kif redatta t-talba prezentement, il-konvenut nomine ma jahsibx li xi hadd iehor ghandu jhallas.**

**Semgha x-xhieda ta' Christopher Schembri, Emanuel Bartolo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-Awtorita' attrici qed titlob hlas ghal berthing fees allegatament dovuti mill-konvenut ghad-dghajsa Maljanka u dana ghal perjodu mit-3 ta' Mejju, 2002 sal-1 ta' Lulju, 2004,**
**2. Il-konvenut qed jghid illi ma ghandu l-ebda reazzjoni guridika u dan in kwantu huwa mhux propjetarju ta' l-imsemmi bastiment.**
**3. Skond Christopher Schembri ghall-Awtorita' attrici l-*invoices* rellattivi Dok S1 sa Dok S10 kienu jinhargu f'isem "*Anthony Bartolo Maljanka SH*" u dana fl-indirizz tal-konvenut. Skond l-istess Schembri l-imsemmija dghajsa kienet inbieghet lil terzi. Hu jikkonferma illi d-dghajsa kienet registrata fuq kumpanija Maljanka Shipping c/o Antsilv, Triq in-**

**Nevew, Zabbar. Il-korrispondenza kienet tigi indirizzata lil Anthony Bartolo, Maljanka Shipping.**

**4. Jirrizulta li sas-sena 2002, il-pagamenti dejjem saru minn Anthony Bartolo.**

**5. Emanuel Bartolo iben Anthony Bartolo jghid illi missieru qatt ma kien propjetarju tal-bastiment Maljanka u li kienet Maljanka Shipping Limited illi kienet il-propjetarja tal-imsemmi bastiment. Huwa jikkonferma li d-Direttur ta' Maljanka Shipping Limited kien Anthony Bartolo.**

**6. Minn dak li ntqal jirrizulta li l-ammont, bhala kwantum mhux kontestat. Jirrizulta illi l-invoices dejjem gew indirizzati lil Anthony Bartolo. Jirrizulta illi min jaghmel l-irmigg, jitnizzel bhala l-Master u f'dan il-kaz kien Anthony Bartolo.**

**7. Skond l-Art 36 tal-Kap 352: "*Il-kaptan, is-sid jew l-agent ta' bastiment, jistghu individwalment, jew solidalment, ikunu mehtiega li jaghtu dik il-garanzija ghall-gbir ta' drittijiet, rati, u pagamenti jew spejjez dovuti lill-Awtorita dwar dak il-bastiment f'dak l-ammont li l-Awtorita tista' tehtieg*". Apparti minn dan jigi rilevat illi l-Avviz Legali 71/92 jistipula dwar id-diversi tipi ta' facilitajit ta' irmigg.**

**8. Id-drittijiet ghall-irmigg huma responsabilita' tal-Master ukoll, u din ir-responsabilita testendi ghal kull min ikun inkarigat mid-dghajsa. Gie ppruvat illi Anthony Bartolo kien il-persuna responsabbli, kien il-Master, kien ukoll hu illi effettwa pagamenti sas-sena 2002. Konsegwentament dana huwa responabbli li jhallas ghad-drittijiet ta' l-irmigg mitluba.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' elf tlett mija u erbgha u erbghin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm1344.89), bl-imghax legali mit-2 ta' Settembru, 2005 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------